# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 12 ta' Frar 2016**

**Numru 12**

**Appell numru 187/2014 AE**

**Michael Debono Limited u**
**MDL Capital Investments Limited**

**v.**

**Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**
**u l-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tas-soċjetajiet attriċi minn sentenza mogħtija fis-7 ta' April 2015 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza "ordinarja", ċivili, tagħha. L-atturi kienu fetħu l-kawża b'rikors maħluf biex jitolbu illi l-qorti tħassar deċiżjoni tal-awtorità konvenuta, li fil-fehma tagħhom kienet "nulla u illegali", u tiddikjara illi l-konvenuti għandhom jagħmlu tajjeb għad-danni li ġarrbu l-atturi minħabba f'dik id-deċiżjoni.

2. Waqt is-smigħ tal-kawża qamet il-kwistjoni jekk id-deċiżjoni tal-awtorità konvenuta kinitx tikser ukoll il-jedd tal-atturi mħares taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. L-ewwel qorti iddikjarat illi għandha kompetenza biex tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni bis-saħħa ta' dak li jgħid *contrario sensu* l-art. 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"]:

> »**4.** (3) Jekk f'xi proċedimenti f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4), il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.«

3. Wara li l-Prim'Awla tat is-sentenza tagħha l-atturi appellaw mis-sentenza kemm quddiem il-Qorti tal-Appell u kif ukoll, b'rikors tat-28 ta' April 2014, quddiem din il-qorti.

4. L-awtorità konvenuta wieġbet fl-20 ta' Mejju 2014 u l-Avukat Ġenerali wieġeb fit-22 ta' Mejju 2014. It-tnejn ressqu l-eċċezzjoni tal-irritwalità tal-appell imressaq quddiem din il-qorti fid-dawl ta' dak li jgħid l-art. 34 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> »**34.** Ħlief meta jkun hemm provdut mod ieħor f'dan il-Kodiċi jew f'kull liġi oħra, mis-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jista' jsir appell lill-Qorti tal-Appell:

»Iżda fil-każijiet fejn kawża li tkun inbdiet permezz ta' rikors ġuramentat, u fejn ebda deċiżjoni espliċita ma tkun intalbet u ngħatat dwar l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni skont l-artikolu 95(2)(*d*) tal-imsemmija Kostituzzjoni, tkun ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza li fiha jkunu ġew diskussi u deċiżi punti ta' liġi dwar drittijiet fondamentali tal-bniedem jew referenzi għall-Kostituzzjoni bħala parti mill-meritu tal-kawża, il-Qorti tal-Appell għandha xorta waħda titqies li hija kompetenti u li għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi appell minn tali sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.«

5. L-art. 95(2)(*d*) tal-Kostituzzjoni, li jissemma' fl-art. 34 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jgħid hekk:

»**95.** (2) Waħda mill-Qrati Superjuri, magħmula minn tlieta mill-imħallfin li jkunu jistgħu, skont xi liġi li għal dak iż-żmien tkun fis-seħħ f'Malta, joqogħdu fil-Qorti tal-Appell, għandha tkun magħrufa bħala l-Qorti Kostituzzjonali u jkollha ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċidi -

»… …

»(*d*) appelli minn deċiżjonijiet ta' xi qorti ta' ġurisdizzjoni oriġinali f'Malta fuq kwistjonijiet dwar interpretazzjoni ta' din il-Kostituzzjoni li ma jkunux dawk li jistgħu jaqgħu taħt l-artikolu 46 ta' din il-Kostituzzjoni«

6. Il-qorti tifhem il-perplessità tal-atturi li wasslithom biex iressqu appell ukoll quddiem din il-qorti. Fil-fatt, l-art. 4(3) tal-Kap. 319, li bis-saħħa tiegħu l-ewwel qorti setgħet tqis l-ilment dwar drittijiet fondamentali li tqanqal waqt is-smigħ tal-kawża, jgħid illi dak li jingħad fih huwa "bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4)". Dan is-subartikolu (4) jgħid hekk:

»**4.** (4) Kull parti fi proċedimenti miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skont dan l-artikolu jkollha dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.«

7. Madankollu jidher ċar illi l-appell tallum jintlaqat mill-art. 34 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili: il-kawża nbdiet b'rikors maħluf; ebda deċiżjoni espliċita ma ntalbet u ngħatat

dwar l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni taħt l-artikolu 95(2)(*d*) tal-Kostituzzjoni; u fis-sentenza li ngħatat f'dik il-kawża ġew diskussi u deċiżi punti ta' liġi dwar drittijiet fondamentali tal-bniedem. L-appell għalhekk kellu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell, mhux quddiem din il-qorti. Jidher illi meta, fl-art. 4(4) tal-Kap. 319, il-liġi tgħid illi appell minn sentenza "fi proċedimenti miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skont dan l-artikolu" (l-art. 4) jsiru quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, bil-kelma "*miġjuba*" tifhem kawżi mibdija quddiem il-Prim'Awla fil-kompetenza kostituzzjonali jew mibgħuta quddiemha b'riferenza, u mhux kawżi mibdija quddiem dik il-qorti fil-kompetenza ordinarja iżda meqjusa minnha wkoll fil-kompetenza kostituzzjonali bis-saħħa tal-art. 4(3), kif ġara fil-każ tallum.

8. Billi għalhekk l-appell sar ħażin quddiem din il-qorti, il-qorti qiegħda tiddikjarah irritu u ma tqisux aktar. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallsuhom l-atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df